**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**John Vella ta' 31 sena, iben Carmel u Margaret nee Azzopardi li joqghod 53, Ta' Gokk, Xewkija, Ghawdex.**
**Karta ta' l-Identita' Nru 3468(G)**
**u**
**Carmel Vella ta' 60 sena iben Frenc u l-mejta Victoria nee` Zammit li joqghod 'Charlmeg' Triq Indri Borg, Xewkija, Ghawdex.**
**Karta ta' l-Identita nru. 19739(G)**

Illum 13 ta' Marzu 2002.

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati talli matul ix-xahar ta' Gunju 1999 u fix-xhur ta' qabel l-istess xahar hawn imsemmi, huma abbuzivament u fl-ezercizzju ta' jedd li jipprentendu li ghandhom, qalghu hitan fl-art maghrufa bhala ta' 'Skarsu' fil-limiti tax-Xewkija, art li tappartjeni lill-konjugi Francis u Angiolina Attard mix-Xewkija, Ghawdex.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi wara li semghet il-provi hi tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ma lahqitx il-grad rikjest mill-Ligi ghal sejbien ta' htija stante li x-xhieda tal-prosekuzzjoni ma qablux f'diversi punti ewlenin bhad-data tal-kommessjoni tar-rejat u l-identita' ta' l-imputati.

Ghal dawn il-motivi ma ssibhomx hatja u tilliberahom.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur